Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,476, 25 ta' Ġunju, 1997
Taqsima B

A.L. 89 ta' l-1997

ATT TA' L-1997 DWAR IT-TAXXA TAD-DWANA U TAS-SISA (ATT NRU. XII TA' L-1997)

Regolamenti ta' l-1997 dwar l-Att dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa (*Records* ta' Taxxa)

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 70 u 75 ta' l-Att ta' l-1997 dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi u Kummerċ għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin: —

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1997 dwar l-Att dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa (*Records* ta' Taxxa).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Lulju, 1997.

Tifsir.

2. Espressjonijiet użati f'dawn ir-regolamenti għandu jkollhom, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, l-istess tifsira lilhom mogħtija fl-Att.

Records li jinżammu minn persuni reġistrati.

3. Kull persuna reġistrata għandha żżomm dawn ir-*records* ta' taxxa kif ġej, meta applikabbli:

(a) konteġġi u kull *record* xierqa tal-attività tan-negozju tagħha:

(b) il-kont tagħha tat-taxxa;

(ċ) il-kont tagħha tat-taxxa ta' kull sena;

(d) kopji ta' kull fattura ta' taxxa minnha maħruġa;

(e) kull fattura ta' taxxa li tkun irċeviet;

(f) kull *records* li jkollhom x'jaqsmu ma' kull importazzjoni u esportazzjoni minnha magħmula;

A.L. 87 ta' l-1997

(ġ) kopji tal-irċevuti kollha maħruġa skond ir-Regolamenti ta' l-1997 dwar l-Att dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa (Riċevuti); u

(ħ) kull nota ta' kreditu, nota ta' debitu u dokument ieħor minnha maħruġa jew riċevuti li jagħtu prova ta' żieda jew tnaqqis fil-kumpens għal xi bejgħ jew provvista jew għal importazzjonijiet.

Ħwejjeġ li għandhom jiġu inklużi fil-konteġġi.

4. Il-konteġġi u *records* ta' kull persuna reġistrata għandhom jinżammu b'dak il-mod li jkun jista' jaċċerta l-verifika ta' dan li ġej:

(a) il-valur totali tal-bejgħ jew provvisti magħmula minnha matul kull żmien ta' taxxa u kull għadd totali separat tal-valur ta' —

(i) esportazzjonijiet;

(ii) bejgħ jew provvisti li ma jkunux esportazzjonijiet imsemmija fl-Ewwel Taqsima tat-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att jew fit-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Att;

(iii) bejgħ jew provvisti li jsiru barra minn Malta.

(iv) bejgħ jew provvisti oħra minnha magħmula b'dan li ssir distinzjoni bejn bejgħ ta' prodotti u provvisti ta' servizzi;

(v) provvisti li huma meqjusa li jkunu saru skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 22 ta' l-Att;

(vi) bejgħ magħmul skond is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 12 ta' l-Att;

(vii) it-taxxa miġbura, jekk ikun hemm;

(b) it-totali separati tal-valur ta' l-importazzjonijiet tagħha, xiri kapitali u xiri ta' prodotti għall-bejgħ għal kull żmien ta' taxxa;

(ċ) it-taxxa mħallsa jew li għandha titħallas, il-ħlas lura ta' taxxa li thallas lura jew li għandu jitħallas lura u l-ħlas lura eċċessiv miġjub 'il quddiem, jekk ikun hemm, għal kull żmien ta' taxxa.

Il-Kont ta' Taxxa.

5. (1) Il-Kont ta' Taxxa għandu jkun kont separat li jinżamm għal kull żmien ta' taxxa tal-persuna reġistrata u għandu jinqasam fit-"Taqsima ta' Taxxa li għandha Titħallas" u fit- "Taqsima ta' Taxxa li Titħallas Lura".

(2) It-taqsima ta' taxxa li għandha titħallas tal-Kont ta' Taxxa għandha tindika l-ammont ta' taxxa li għandha titħallas għaż-żmien ta' taxxa relattiv u għandu jkun fiha riferenza relattiva għall-konteġġi li minnhom il-valuri tal-bejgħ li għalihom dik it-taxxa tkun tirreferi jistgħu jiġu verifikati.

(3) It-taqsima ta' taxxa li titħallas lura tal-Kont ta' Taxxa għandha tindika l-ammont totali ta' taxxa li jkun permess li tititħallas lura għal dak iż-żmien u għandu jkun fiha riferenza relattiva għall-konteġġi li minnhom il-valuri tal-provvisti li għalihom dik it-taxxa tkun tirreferi jistgħu jiġu verifikati.

Aġġustamenti minħabba f'tibdil fil-kumpens mitlub jew tħassir ta' provvisti.

6. (1) Meta l-ammont ta' taxxa li għandha titħallas jew l-ammont ta' taxxa li titħallas lura dikjarati minn persuna reġistrata f'denunzja ta' taxxa jirriżulta li jkun ġie dikjarat biż-żejjed jew bin-nieqes minħabba f'żieda jew fi tnaqqis fil-kumpens ta' xi bejgħ jew għat-tħassir ta' xi bejgħ magħmul lil jew minn dik il-persuna li jitħallas jew li jiġi permess jew isir f'xi żmien ta' taxxa sussegwenti għal dak li matulu il-bejgħ ikun ingħata kont tiegħu, dik il-persuna tista' tagħmel aġġustament fil-Kont ta' Taxxa għal dak iż-żmien ta' taxxa sussegwenti permezz ta' tnaqqis minn jew żieda ma' l-ammont totali għal dak iż-żmien ta' taxxa tat-taqsima ta' taxxa li għandha titħallas, u/jew tat-taqsima ta' taxxa li titħallas lura, skond il-każ, u t-taxxa li għandha titħallas u t-taxxa li titħallas lura għal dak iż-żmien għandhom jitqiesu li jkunu l-ammonti totali rispettivi tagħhom kif aġġustati.

(2) Ebda ħaġa f'dan ir-regolament ma għandha titqies li tippermetti d-determinazzjoni tal-valur taxxabbli ta' bejgħ b'mod kuntrarju għal xi dispożizzjoni li tinsab fl-Att.

Dispożizzjonijiet oħra li għandhom x'jaqsmu ma' tnaqqis.

7. (1) Kull aġġustament fil-Kont ta' Taxxa għandu jagħmel riferenza b'mod ċar għaż-żmien ta' taxxa li jkun jirreferi għalih u għal kull dokument li jkollu x'jaqsam mad-dikjarazzjonijiet bin-nieqes jew biż-żejjed.

(2) Ma jista' jsir ebda aġġustament skond ir-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti fil-Kont ta' Taxxa għal xi żmien ta' taxxa li jkun jibda iktar tard minn sitt xhur wara t-temma ta' żmien ta' taxxa li fih l-ammonti relattivi jkunu ġew dikjarati biż-żejjed jew bin-nieqes.

(3) Ma jista' jsir ebda aġġustament fil-Kont ta' Taxxa għal żmien ta' taxxa għar-rigward ta' xi bejgħ jew importazzjoni li jkun ingħata kont dwarha fi żmien qabel ħlief skond dawn ir-regolamenti.

Denunzji ta' taxxa.

8. L-ammont ta' taxxa li għandu jitħallas u ta' taxxa li għandu jitħallas lura li jiġi dikjarat minn persuna f'denunzja ta' taxxa għal żmien ta' taxxa għandu jkun l-ammont tat-totali rispettivi li jidhru fid-dokumentazzjoni ta' dik il-persuna skond dawn ir-regolamenti.

Kont Annwali ta' Taxxa.

9. Il-Kont Annwali ta' Taxxa għandu jkun kont li jsir kull sena kalendarja u fih għandu jidher it-total tat-totali li jidhru fit-taqsima ta' taxxa li għandha titħallas u ta' taxxa li titħallas lura tal-Kont tat-Taxxa għal kull żmien li jtemm matul dik is-sena kalendarja.

Eċċezzjonijiet.

10. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Att id-Direttur jista' jeħtieġ, f'xi każijiet jew tipi ta' każijiet partikolari, li jinżammu dawk ir-*records* jew dokumenti addizzjonali, jew jippermetti dawk il-varjazzjonijiet fir-*records* u dokumenti li għandhom jinżammu skond dawn ir-regolamenti bil-mod li jista' jqies li jkun xieraq għal kull għan li joħroġ mill-Att.

(2) Kull ħtieġa kif imsemmija hawn fuq għandha ssir permezz ta' avviż kif speċifikat fl-artikolu 72 ta' l-Att.